MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2012

Numru 1233/2012

**Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**
**(Spettur Carol Fabri)**

**vs**
**Karl Falzon**
**Jurgen Cassar**
**Ian Galea**
**Daniel Aquilina**

Il-Qorti;

Rat li l-imputati Karl Falzon ta’ 25 sena iben Carmel u Grace Raphaela nee’ Buhagiar, mwieled Pieta’ fl-1 ta’ Awwissu 1987, residenti gewwa Aster Court Flat 3, Triq Espedito Catania, Zabbar u detentur tal-karta tal-identita’ numru 338587(M) u l-imputat Jurgen Cassar ta’ 24 sena, iben George u Grace nee’ Camilleri, mwieled Pieta’ fit-3 ta’ Novembru 1988, residenti gewwa 3, Shalom, Triq Dr.

Francesco Debono, Luqa u detentur tal-karta tal-identita’ numru 510388(M) u l-imputat Ian Galea ta’ 21 sena, iben Laurence u Maria Dolores nee’ Mercieca, mwieled Pieta’ fil-11 ta’ Frar 1991, residenti gewwa 45, In-Narciza, Triq Giovanni Ricasoli, Kalkara u detentur tal-karta tal-identita’ numru 107591(M) u l-imputat Daniel Aquilina ta’ 22 sena iben Carmelo u Maria Dolores nee’ Mifsud, mwieled Pieta’ fis-17 ta’ Gunju 1990, residenti gewwa 40, Chardor Triq il-Helsien, Qormi u detentur tal-karta tal-identita’ numru 294890(M) gew mressqa quddiemha akkuzati talli:

B’diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u jkunu gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda;

1. Bejn ix-xahar ta’ Novembru 2011 u Frar 2012, minn gewwa il-LIDL, li jinsab Triq Tal-Barrani Zejtun, ikkommettew serq ta’ diversi ogetti fosthom cikkulati ta’ diversi ditti u prodotti ohra tal-ikel flimkien ma ogetti ohra liema serq huwa aggravat, bl-ammont li jeccedi il-mitejn u tnejn u tletin Euro u tlieta u disghin Euro centezmu (€232.93) izda ma jeccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-hin u bil-persuna u dan ghad-detriment tal-kumpanija LIDL u/jew persuna/i jew entitajiet ohra.

Lill Karl Falzon, Jurgen Cassar u Ian Galea flimkien nakkuzawhom ukoll talli:

1. Bejn ix-xahar ta’ Novembru 2011 u Frar 2012 xjentement f’Malta laqaw ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, li il-valur taghhom jeccedi il-mitejn u tnejn u tletin Euro u tlieta u disghin Euro centezmu (€232.93) izda ma jeccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) mehudin b’qerq, jew akkwistati b’reat, jew xjentement b’kull mod li jkun, indahalu biex ibieghu jew imexxu dawn l-oggetti,

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputati kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar is-26 ta’ Novembru 2012 ghall-akkuza migjuba fil-konfronti taghhom.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ wara li l-imputati wiegbu li huma hatja, din il-Qorti wissiethom b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba taghhom u taghthom zmien xieraq sabiex jekk iridu jergaw lura minnha u kien biss wara li staqsiethom it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni taghhom.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputati, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputati hatja ta’ l-akkuza kif dedotta kontra taghhom.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputati ammettew fi stadju bikri tal-proceduri, kkunsidrat l-fatt li l-imputati ghandhom fedina penali netta u kkunsidrat ukoll l-fatt li kkoperaw fil-kors tal-investigazzjonijiet.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 18, 261, 267, 268, 270, 279(a) u 280(1) tal-Kodici Kriminali, l-Qorti ssib lill-imputati Karl Falzon, Jurgen Cassar, Ian Galea u Daniel Aquilina hatja tal-imputazzjoni ta’ serq kwalifikat bil-valur, bil-hin u bil-persuna migjuba fil-konfronti taghhom kif minnhom ammessa u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jikkommettux reat iehor sa zmien tlett(3) snin millum.

In vista tal-fatt li l-imputazzjoni ta’ ricettazzjoni inghatat bhala alternattiva ghall-imputazzjoni ta’ serq li taghha l-imputati Karl Falzon Jurgen Cassar u Ian Galea nstabu hatja, l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ din l-imputazzjoni.

Wara li rat l-Artikoli 392 A (2) u 401 (3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti tordna li l-atti kollha ta’ dan il-process flimkien ma kopja tas-sentenza jintbghatu lill-Avukat Generali fiz-zmien li trid il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------